**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 414/07**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**David Tabone**
**(ID 377384(M))**

**Illum, 12 ta' Dicembru 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat David Tabone, iben Michael u Carmen nee` Borg, imwieled il-Pieta` fit-13 ta' Lulju 1984 u residenti, Door 16, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghak, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 377384 (M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Dicembru 2006 u matul il-hames snin ta' qabel din id-data:

a) Biegh jew xort'ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li jindikaw li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101);

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Pulizija mill-Iskwadra kontra d-droga esegwew mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat. Huwa gie imwaqqaf Birkirkara, hekk kif kien hiereg mir-residenza ta' ommu u diehel f'vettura u wara li gie mistoqsi jekk kellux xi sustanzi illegali fil-pussess tieghu, mill-bieba tal-vettura tan-naha tax-xufier u minn jheddu, huwa hareg *pouch* tad-drapp tan-nuccalijiet li kien fih seba' bicciet suspettati rezina tal-*cannabis* mgezwrin fil-*foil*. Sussegwentement saret tfittxija gewwa r-residenza tieghu, fejn kien joqghod ma' ommu, minn fejn gie elevat *crusher* mill-kamra tas-sodda tal-imputat u gewwa appartament fi Triq il-Wied, Birkirkara, mil-liema fond giet elevata sikkina li kienet tidher mahruqa, romblu *foil* u lembuba tal-injam. L-imputat kellu access ghal dan il-fond u kien hu stess li ha lill-pulizija fih. Saret tfittxija wkoll f'garaxx gewwa Bahar ic-Caghaq, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv.[1]

---

[1] Xhieda ta' PC 642 Joseph Camilleri, a fol. 20 *et seq* tal-process; xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, a fol. 23 *et seq* tal-process; xhieda ta' PC 213 Nicolai Borg, a fol. 53 *et seq* tal-process; u xhieda ta' WPC 127 Carmen Gauci, a fol. 56 *et seq* tal-process.

Skond ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[2], id-dokumenti li huwa inghata ghall-analizi kienu s-segwenti:

1. Borza tal-*plastic* trasparenti li kien fiha: i) karta bil-kliem 'Data 21/12/06 Hin 4:00pm Elevat/i minn 'Arkati' Flat 8, Triq il-Wied B'Kara fil-presenza ta' David Tabone minn PS 1086, PC 213; ii) kaxxa li fiha romblu *aluminium foil*; iii) sikkina; iv) romblu tal-injam (immarkata bil-kodici tal-laboratorju 041_12_01);

2. Borza tal-*plastic* trasparenti li kien fiha: i) karta bil-kliem 'Data 21/12/06 Hin 15:20 Elevat/i minn gewwa kexxun fil-kamra tas-sodda (Triq il-Bwieraq) fil-presenza ta' David Tabone minn PC 213; ii) *crusher* (immarkata bil-kodici tal-laboratorju 041_12_02);

3. Borza tal-*plastic* trasparenti li kien fiha: i) karta bil-kliem 'Data 21/12/06 Hin 4:20 pm Elevat/i minn gewwa l-karozza EBH-251 fil-presenza ta' David Tabone minn PS 1086, PC 213 (ii) *pocket* tad-drapp ta' lewn blu li fih 7 sustanzi ta' lewn kannella go *aluminium foil* (immarkata bil-kodici tal-laboratorju 041_12_03);

4. Borza tal-*plastic* trasparenti li kien fiha: i) karta bil-kliem 'Data 21/12/06 Hin 3.30 pm Elevat/i minn fuq il-persuna tieghu fil-presenza ta' David Tabone minn PS 1086 (ii) *SIM card* tal-Vodafone (immarkata bil-kodici tal-laboratorju 041_12_04).

L-istess espert ikkonkluda s-segwenti:

a) Illi fuq *swabs* mehuda minn fuq il-*crusher* fid-dokument 041_12_02 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis.

b) Illi fl-estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella fid-dokument 041_12_03 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz tas-sustanza kien ta' 20.23 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 6.0%.

c) Illi fuq *swabs* mehuda mis-sikkina u mir-romblu tal-injam fid-dokument 041_12_01 ma nstabitx droga.

---

[2] Esebita a fol. 33 tal-process.

Il-pizijiet tas-sustanzi fid-dokument 041_12_03 kienu ta’ 3.28 grammi, 2.44g, 2.58g, 3.01g, 3.24g, 2.81g u 2.87g rispettivament.

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar il-21 ta’ Dicembu 2006, wara li nghata s-solita twissija illi ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, izda dak li jghid jista’ jingieb bhala prova.[3]

Il-Qorti tirrileva illi din l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma’ avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta’ Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ricentement fit-12 ta’ Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

“*The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

…

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)*”.

[3] A fol. 16 *et seq* tal-process.

F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2016 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[4] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet ukoll:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-*

[4] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.

*jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[5] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fil-kaz odjern, ghalhekk la darba l-istqarrija tal-imputat ittiehdet minghajr id-dritt ghall-parir legali in forza ta' restrizzjoni sistematika ta' dan id-dritt u ghall-istess ragunijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza hawn fuq citata, din l-istqarrija ma tistax tigi meqjusa bhala prova ammissibbli u kwindi l-Qorti qeghda tiskartaha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tinnota illi ghalkemm l-ufficjali tal-pulizija kollha li kienu prezenti ghat-tfittxijiet in kwistjoni u l-arrest sussegwenti tal-imputat ilkoll xehdu li l-kaz sehh fit-22 ta' Dicembru 2006, biss l-istqarrija tal-imputat ittiehdet nhar il-21 ta' Dicembru 2006 fit-8.00 p.m. Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi t-*tags* esebiti mal-oggetti elevati mill-pulizija in konnessjoni ma' dan il-kaz, jindikaw ilkoll id-data tal-21 ta' Dicembru 2006 u huma l-oggetti li

[5] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

jissemmew fix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li elevaw l-istess oggetti mit-tfittxijiet li ghamlu lill-imputat. Anke l-postijiet li minnhom gew elevati dawn l-oggetti, kif indikati fit-*tags*, jikkombacjaw perfettament mal-postijiet li ghalihom jirreferu l-ufficjali tal-pulizija bhala dawk li fihom instabu u li minnhom gew elevati l-istess oggetti. Fix-xhieda tieghu, PS 1086 Johann Micallef gharaf it-*tag*[6] meta gie muri d-Dokument PG 2 esebit mill-Ispettur Pierre Grech fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2011, liema dokument skond ix-xhieda tal-istess Spettur[7] kien jikkontjeni l-oggetti relatati ma' dan il-kaz. B'referenza ghal dan id-dokument, PS 1086 xehed illi din it-*tag* kien nizzilha hu dakinhar stess ossia fil-jum li gew elevati l-imsemmija oggetti. In oltre PS 1086 gharaf is-sikkina u r-romblu tal-*foil* li kienu gew elevati, fil-waqt illi PC 213 Nicolai Borg[8] u WPC 127 Carmen Gauci[9] gharfu l-oggetti kollha li gew elevati u esebiti f'dan il-kaz. Ghaldaqstant, m'hemm l-ebda dubju illi l-oggetti li gew esebiti f'dawn l-atti u sussegwentement analizzati mix-Xjenzat Godwin Sammut, huma proprju l-istess oggetti li gew elevati mill-pussess tal-imputat fil-kaz odjern. La darba l-imputazzjonijiet jirreferu ghat-22 ta' Dicembru 2006 u l-hames snin ta' qabel din id-data, kemm id-data tal-21 ta' Dicembru 2006, kif ukoll dik tat-22 ta' Dicembru 2006 jaqghu fil-parametri taz-zmien indikat fic-citazzjoni odjerna.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat talli biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*. La darba l-Qorti qed tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, il-provi rimanenti fl-atti juru illi fil-jum in kwistjoni l-imputat instab fil-pussess ta' seba' bicciet tar-raza tal-*cannabis* gewwa l-vettura misjuqa minnu u oggetti ohrajn ossia *crusher*, lembuba, sikkina u *foil*. Fir-rigward ta' dawn l-oggetti instabet biss is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* fuq il-*crusher*. Minn dawn il-provi, ma jirrizultax illi l-imputat biegh jew traffika r-raza tal-*cannabis* fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni odjerna u ghaldaqstant, qed jigi liberat minn din l-ewwel imputazzjoni.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat ukoll bil-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

---

[6] Ara x-xhieda ta' PS 1086 a fol. 26 tal-process.
[7] Ara x-xhieda tal-Ispettur Grech a fol. 14 tal-process.
[8] Ara xhieda a fol. 54 tal-process.
[9] Ara xhieda a fol. 57 tal-process.

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza

qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, illi s-seba' bicciet ta' lewn kannella li nstabu fil-pussess tal-imputat, li fihom instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, kellhom is-segwenti pizijiet ossia 3.28 grammi, 2.44 grammi, 2.58 grammi, 3.01 grammi, 3.24 grammi, 2.81 grammi u 2.87 grammi rispettivament u ghalhekk pizijiet simili. B'kollox dawn il-bicciet kellhom piz ta' 20.23 grammi. Din il-kwantita` certament m'hijiex wahda negligibbli jew ammont li wiehed normalment jassocjah ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur. Anke mix-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut[10], jirrizulta illi ghalkemm id-doza medja ta' konsum tiddependi fuq it-tolleranza tal-persuna, bhala medja *joint* ikollu 0.2 grammi resina tal-*cannabis* jew haxixa tal-*cannabis* u hemm min juza sa hames *joints* kuljum. Dan ifisser illi minn piz ta' 20.23 grammi, wiehed jista' johrog cirka mitt *joint* u ghalhekk ammont sostanzjali.

Il-Qorti tinnota illi ghalkemm mic-certifikati esebiti in atti mid-difiza[11] (wiehed minnhom lanqas ma huwa ffirmat mit-tabib li rrilaxxjah) jirrizulta illi l-imputat ghandu jew kellu problema ta' droga, biss mill-provi ma jirrizultax f'hiex kien jikkonsisti dan l-uzu jew vizzju tal-imputat. Li l-imputat kien huwa stess jaghmel uzu mill-*cannabis* jirrizulta, fil-fehma tal-Qorti, mill-fatt illi fil-kamra tas-sodda tal-imputat instab *crusher* bi tracci ta' *Tetrahydrocannabinol*. Madankollu, dan ma jeskludix necessarjament illi huwa kellu fil-pussess tieghu droga li ma kinitx intiza esklussivament ghall-uzu tieghu. Jibqa' l-fatt illi l-imputat instab fil-pussess ta' kwantita` mhux zghira ta' droga, liema droga kienet maqsuma f'seba' bicciet f'pizijiet simili u skond ix-xhieda ta' WPC 127 Carmen Gauci, il-bicciet tar-raza kienu "*imdawwrin gol-foil*".[12] Jirrizulta wkoll illi dawn is-sustanzi nstabu fil-vettura li kien qed juza l-imputat, fil-bieba tan-naha tax-xufier. Tqis ukoll f'dan ir-rigward illi minkejja li l-imputat kien huwa stess juza l-*cannabis*, ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex kellu joqghod izomm dawn il-bicciet kollha fuqu u jigri barra bihom. Mill-atti jirrizulta illi l-imputat kien jghix flimkien ma' ommu u li apparti din ir-residenza, huwa kellu access ukoll ghal residenza ohra gewwa Triq il-Wied, Birkirkara li, skond ix-xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, ma kinitx tidher li qeghda tigi wzata. Ghalhekk jekk mhux fir-residenza fejn kien jghix m'ommu – fejn mill-banda l-ohra ma jidhirx li kien jiddejjaq ihalli l-*crusher* u anke juzah sabiex ikun jista' jikkonsma l-*cannabis* - l-imputat seta' facilment halla d-droga gewwa l-fond fi Triq il-Wied, li kieku din kienet intiza biss ghall-uzu personali

[10] A fol. 31 *et seq* tal-process.
[11] A fol. 72 u 74 tal-process.
[12] A fol. 56 tal-process.

tieghu.  Dan apparti li l-imputat kellu wkoll access ghal garaxx gewwa Bahar ic-Caghak.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi c-cirkostanzi li fihom instabet id-droga, il-mod kif din kienet maqsuma, in-numru ta' bicciet li nstabu, kif ukoll l-ammont tad-droga nvoluta u s-sejba ta' din id-droga fil-vettura tal-imputat, iwasslu lill-Qorti sal-konvinciment morali illi din id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, liema fedina penali ma kinitx wahda allarmanti u tikkonsisti f'kundanni dwar reati kontravvenzjonali (fi tliet okkazzjonijiet).

Qieset ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u li fil-pussess tal-imputat, instabu seba' bicciet tar-raza tal-*cannabis* b'piz totali ta' 20.23 grammi, b'purita` ta' cirka 6% li, skond l-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, hija "*within the range*".[13]

Qieset ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2006, li l-ewwel seduta f'dawn il-proceduri nzammet fis-26 ta' Marzu 2010 u li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f'Mejju 2014 u hlief ghal zewg seduti fejn il-Qorti giet ipprezentatha b'certifikat mediku li f'okkazzjoni wahda ma giex meqjus bhala wiehed validu, l-imputat dejjem deher f'dawn il-proceduri meta notifikat.  Veru wkoll illi d-difiza talbet differiment fis-seduti tat-22 ta' Settembru 2014 u tat-3 ta' Dicembru 2014, izda ma jistax jinghad illi l-proceduri twalu daqstant minhabba ragunijiet imputabbli lill-imputat.

Ikkunsidrat ukoll ic-certifikat rilaxxjat mill-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri fir-rigward tal-imputat, datat 20 ta' Jannar 2015[14] u anke illi minkejja li ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, l-imputat ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha.

**Konkluzjoni**

[13] Ara x-xhieda a fol. 32 tal-process.
[14] A fol. 74 tal-process.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, izda qed issibu hati tat-tieni imputazzjoni u qed tikkundannah ghall-**piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' sitt mitt Euro (€600)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, tmienja u tmenin Euro u disgha u tletin centezmu (€288.39), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mad-droga, esebiti bhala Dokument PG2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti li l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha mehtiega, u dan anke billi, jekk jitqies necessarju, jiskonta din il-piena gewwa l-*Forensic Unit,* fl-Isptar Monte Karmeli.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat